

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv uniku bbażat, minn naħa, fuq id-dannu morali kkawżat minn dannu fil-konfront tar-reputazzjoni tagħha u, min-naħa l-oħra, fuq id-dannu materjali kkawżat mill-ksur tar-relazzjonijiet kuntrattwali tagħha, mit-telf ta' tagħmir kif ukoll mit-telf ta' dħul, li r-rikorrenti kienet sostniet minħabba frabta kawżali diretta mal-miżuri meħuda mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u li r-responsabbiltà tagħhom hija ta' din tal-aħħar.

### Rikors ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2015 – Cham u Bena Properties vs Il-Kunsill

(Kawża T-708/15)

(2016/C 059/34)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Cham Holding Co. SA (Damasku, is-Sirja), u Bena Properties Co. SA (Damasku) (rappreżentant: E. Ruchat, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet

- tiddikjara l-azzjoni tar-rikorrenti ammissibbli u fondata;
- konsegwentement, tikkundanna lill-Unjoni Ewropea biex tikkumpensa d-dannu sostnut mir-rikorrenti fl-ammont li l-Qorti Ġenerali għandha tiffissa b'mod ekwu;
- taħtar il-ħatra ta' espert sabiex tiġi stabbilita l-portata sħiħa tad-dannu sostnut mir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi prinċipali u motiv sussidjarju, ibbażati fuq id-dannu li sostnew u li r-responsabbiltà tiegħu hija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-illegalità tal-atti adottati mill-Kunsill, fis-sens li dan tal-aħħar naqas mill-obbligu tiegħu ta' prudenza u ta' diliġenza billi bbaża d-deċiżjonijiet tiegħu sabiex jinkludi r-rikorrenti fuq il-bażi ta' motivi vagi u mhux preċiżi, u dan minkejja l-ġurisprudenza li timponilu li jimmotiva b'mod preċiż id-deċiżjonijiet tiegħu, u jinjora l-obbligu tiegħu li jżomm smiġh minn qabel dwar iż-żamma tar-rikorrenti fil-listi ta' sanzjonijiet. Barra minn hekk, il-miżuri restrittivi adottati kontra r-rikorrenti huma ta' natura inġusta u sproporzjonata u jiksru d-dritt tagħhom għar-reputazzjoni u d-drittijiet tagħhom għall-proprjetà.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq id-dannu morali li r-rikorrenti allegatament kienu sostnew, peress li l-inklużjoni tagħhom fil-listi ta' sanzjonijiet kien ippreġudika r-reputazzjoni tagħhom.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq id-dannu materjali sostnut mir-rikorrenti minħabba l-inklużjoni tagħhom fil-listi ta' persuni u ta' entitajiet suġġetti għall-miżuri restrittivi, peress li minħabba f'dan il-fatt huma tilfu numru kbir ta' kuntratti u sorsi ta' dħul.
4. Ir-raba' motiv, invokat sussidjarjament, ibbażat fuq ir-responsabbiltà assoluta tal-Unjoni Ewropea għad-danni kkawżati lir-rikorrenti insegwitu għall-inklużjoni tagħhom fil-listi ta' persuni u ta' entitajiet suġġetti għas-sanzjonijiet kontra s-Sirja.

---

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2015 – Almashreq Investment Fund vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-709/15)**

(2016/C 059/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Almashreq Investment Fund (Damasku, is-Sirja) (rappreżentant: E. Ruchat, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

- tiddikjara l-azzjoni tar-rikorrenti ammissibbli u fondata;
- konsegwentement, tikkundanna lill-Unjoni Ewropea biex tikkumpensa d-dannu kollu sostnut mir-rikorrenti fl-ammont li l-Qorti Ġenerali għandha tiffissa b'mod ekwu;
- taħtar il-ħatra ta' espert sabiex tiġi stabbilita l-portata tad-dannu sostnut mir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv uniku bbażat fuq id-dannu morali sostnut minnha, jiġifieri li ppreġudika r-reputazzjoni tagħha, u li huwa frabta kawżali diretta mal-miżuri meħuda mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u li r-responsabbiltà tagħhom hija ta' din tal-aħħar.

---

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2015 – Drex Technologies vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-710/15)**

(2016/C 059/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Drex Technologies SA (Tortola, il-Gżejjer Verġni Brittaniċi) (rappreżentant: E. Ruchat, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

- tiddikjara l-azzjoni tar-rikorrenti ammissibbli u fondata;